# Ilment rigward tqassim ta' deserta lill-pazjenti

3 messages

**Nicholas Grech** <nicho.grech@ gmail.com> Sun, 17 May 2020 at 09:34
To: customercare.mhs@ gov.mt

Ilment: Rigward tqassim ta' deserta lill-pazjenti Sala: HWH imma tapplika ghall-isptar kollu.

Dak bhala pazjent li ilni snin maqful l-isptar niftakar zmien meta wara nofsinhar kienu jqassmu d-deserta, bhal pasti u kejkijiet u affarijiet ta' din ix-xorta. Maz-zmien kollox beda jinqata' ghax donnu l-awtoritajiet tal-isptar darba dahlu fi spiza enormi ziedu l-istaff sostanzjalment impjegaw diversi responsible carers fosthom rahal shih ta' barranin (biex il-Malti jkollu erga aktar fejn jghaddi l-gurnata tax-xoghol gallarija …), bdew jaraw kif se jissikkaw ic-cintorin, u allura hekk vilment l-ewwel li attakkaw kien billi daru fuq is-soltu pazjenti, u bil-mod il-mod bdew jaqtghulhom dawn il-ftit kapricci bhat- tqassim ta' l-imsemmija deserta wara nofsinhar (m'hiniex qed nirreferi ghall-frott, dak jonqoshom jaqghtu).

Niftakar anki zmien meta kont f'MW3A fejn anki ghal xi xhur kienu qatghulna r-ruggata u spiccajna kien ikollna nixorbu l- ilma wahdu wara l-ikel. Jidhirli kienu gabu skuza biex lill-pazjenti jdarruhom jghixu "a healthy lifestyle" imma ara biex johdu sahhet il-pazjenti jillupjawhom u jkissruhom bis-side effects hekk tal-biza u hekk komuni tal-kura psikjatrika bhal Parkinsinism, depression, restlessness, diabetes, insomnia, ecc., dak kollox sew, tridx tmur (jekk ma temminx nibghatlek il-leaflet bis-side effects tal-biza tal-injections Fluanxol u r-Risperdal Consta li bellghali, u tal-Post Injection Syndrome tal- Injection Olanzapine li jrid ibellghali).

B'mod partikulari issa li l-pazjenti jinsabu kollha maqfulin l-isptar u l-anqas jistghu johorgu bil-leave, din id-deserta li forsi kont minflok issibha ghand tal-familja d-dar meta tohrog bil-leave, aktar thoss in-nuqqas taghha. Apparti dan, uhud mill- pazjenti li setghu jahdmu fil-hin bil-leave li setghu johorgu mill-isptar, spiccaw darba maqfulin minhabba l-Covid-19, uhud minnhom bla xoghol jew bla paga u allura m'ghandhomx fejn jaghmlu kapricci u flus x'jonfqu kieku jridu jixtru din id- deserta minn buthom. Jidher li minkejja li sptarjiet ohra bhal San Vincenz de Paule wkoll dahlu fi spiza mpjegaw diversi responsible carers, din id-deserta xorta baqghet titqassam. Dan jikkuntrasta mal-awtoritajiet tal-isptar Monte Carmeli fejn donnu bl-istigma li ggor darba jittimbrawk mentali spiccaw jistmaw lill-pazjenti dejjem aktar ta' semplici imbecillati u allura hekk bla vuci biex jaraw kif se jirrumblaw u jiffrankaw l-ispejjez propju minn fuqhom.

Imma jekk l-awtoritajiet tal-isptar verament iridu jiffrankaw l-ispejjez, hemm hafna x'tattakka. Ejja nghidu li l-ewwel haga li jmisshom jaghmlu hu "time logging" tal-istaff, u jibdew inizzlu kif l-istaff ighaddu l-gurnata meta suppost ikunu xoghol (mal-privat mhux talli "time logging" hu komuni hafna, talli gieli anki jekk imorru sal-loki jridu jnizzlu l-hin, imma minn flus il-poplu kulhadd jigi jaqa' u jqum). Ezempju nghidu ahna, dawn jghaddu nofs siegha biex jippreparaw il-pirmli, nofs siegha biex iqassmuhom, 2 nofs sieghat biex iqassmu l-ikel darbtejn matul il-gurnata, u forsi xi siegha jew saghtejn jaghmlu xoghol skont il-job description taghhom, u l-bqija nhalli ghall-immaginazzjoni taghkom kif jghadduh il-hin, biex ma nsemmux f'hiex jikkonsisti kieku kellu jsir "time logging" ta' meta jidhlu xoghol bil-lejl. Ovvjament qed infajjar il-hinijiet bejn wiehed u iehor mil ftit li nara, imma l-punt hu li b'dan il-mod l-awtoritajiet tal-isptar, kieku jridu verament jiffrankaw l- ispejjez, jistghu facilment jirrejalizzaw kemm hemm htiega ta' dan il-bizibilju ta' staff kollu biex timmaniggja l-istess sptar: thallas l-istaff tal-hinijiet li jghaddu ma jaghmlu xejn, bil-Malti pur: "Jidhlu x-xoghol biex jikluhielu." Ovvjament l-awtoritajiet tal-isptar mhux se jaghmlu time logging tal-istaff (b'riferenza ghan-nurses u hekk), ghax dawn ghandhom il-Union biex taqbez ghalihom waqt li l-pazjent ghandu dak il-Kummissarju fazul tas-Sahha Mentali John Cachia biex jahdem kontrih. Apparti li kieku stenna li l-istaff jitolbu time logging ukoll ghal haddiehor u ghal ta' fuqhom bhal x'jaghmlu l-SNOs, intom tal-customer care, tar-reception, tas-security, tal-OT, ic-CEO u b'mod partikulari t-tobba u l-Psikjatri li aktar ma jkunux xoghol milli jkunu (tghid ma jahdmulekx 40 siegha gimgha xoghol l-isptar, hafna minnhom ghandhom ukoll xoghol bhala lecturers l-Universita, jservu fi klinici privati, jservu ta' l-esperti fil-Qorti, u ohrajn arahom jidhru fuq it-TV biex jaghmlu reklam lilhom infushom biex dak li jkun ifittxhom privatament, ecc.). Allura kulhadd jghatti u jhokku dahar xulxin, jien ma nikxiflikx tieghek u int tikxiflix tieghi. Jghidulu cover-up, reat kriminali, apparti li "not reporting makes you complicit", reat kriminali iehor, imma taf int, in-nitfa li jkun ghamel il-pazjent jaraw, dawk f'pozizzjoni gholja huma dejjem skuzabbli u jghadduha lixxa.

Allura l-punt hu li jekk l-awtoritajiet tal-isptar ma jridux jaqtghu dawn l-ispejjez hekk ezorbitanti u kbar, dan l-isparpaljar ta' **eluf ta' eluf ta' flus** fuq l-istaff (ghax ovvjament ukoll jidhru ta' nkompetenti li kellu jkun bicca pazjent bhali li kellu jigbdilhom l-attenzjoni fuqhom), ghaliex dehrilhom li kellhom jaqtghu **c-cejtiet ta' spejjez** li kienu jaghtu lill-pazjenti f'deserti fost l-ohrajn? Gustifikat li haddiehor jimlewlu l-but bil-liri b'pagi ghalxejn, litteralment jidhlu xoghol biex jiehdu l- paga u xejn aktar, biex lill-pazjent ihallulu zaqqu bin-nieqes, imcahhad minn semplici bicca pasta? Jekk li tonfoq mizerja ta' €1 f'pasta ghall-pazjent jarawha zejda, kif qatt jista' jkun gustifikabbli li tonfoq nghidu ahna €20 fi staff biex fosthom jidhlu jaghmlu lejl reqdin? M'hiniex qed nirreferi ghall-istaff tal-ward fejn ninsab ghax nahseb jekk iddur dawra mal-isptar jaghmlu l-istess u hafna ghar minnhom. Nghid biss li jien f'dan ir-rigward ikolli naghmel mill-10pm sal-5:30am mixhut fis- sodda, jekk mhux rieqed, nitqalleb min-naha ghall-ohra tas-sodda bhal kurnut, biex haddiehor ikun jista' jippersevera hekk vilment fl-abbuz u l-paga diehla. Jekk iridu jorqdu, ghandhom sa certu punt kull dritt jorqdu kemm jifilhu bhalma thallu jaghmlu l-bqija tal-istaff fl-isptar, imma lili jhalluni nahdem – ghandi xeba' xoghol b'lura fil-laptop x'naghmel – fuq dan nassigurakom li jien bil-laptop m'hiniex se noqghod indoqq id-diski biex la nqajjem lill-pazjenti u wisq anqas lill-istaff mir- raqda fil-fond li jkunu reqdin fiha meta suppost xoghol. Ghal darb'ohra jabbuzaw l-istaff ghax ta' fuqhom u ta' fuq ta' fuqhom minn dejjem kienu jigu jitnejku milli jiehdu passi, biex imbaghad irid ibati l-pazjent, bhal fil-kaz tad-dezerta, flok jaqtghu mill-ispejjez enormi fuq l-istaff, jaqtghu c-cejciet ta' spejjez tal-pazjenti.

Biex nigi lura fuq il-kwistjoni tad-deserta, il-fatt li fil-mument hemm ukoll numru ta' swali fl-isptar li nghalqu biex qed isir rinovar fihom, nassumi li dawk tal-kcina qed ikollhom hafna anqas x'jippreparaw ikel ghal numru anqas ta' pazjenti minkejja li nahseb inzamm l-istess ammont ta' staff fil-kcina. Allura forsi lok ghall-awtoritajiet tal-isptar biex jiffrankaw l- ispejjez billi jnaqqsu mill-istaff tal-kcina, u minn dan l-iffrankar tal-ispejjez jonfqu xi haga f'deserta ghall-pazjenti li fadal, jew forsi ahjar, ma jnaqqsu xejn mill-istaff tal-kcina imma jutilizzaw il-hin aktar liberu taghhom ma jaghmlu xejn biex minflok jippreparaw id-deserti lill-pazjenti.

Ukoll fil-HWH fejn qieghed hemm sistema fejn apparti l-ikel li jinzel mill-kcina, jinxtara ikel bhal tigieg, laham, ghagin u haxix biex il-pazjenti joqghodu jsajru c-chips, xi platt minestra u s-soltu mbarazz, bir-rizultat li parti mill-ikel tal-kcina li jkun gie jispicca jintrema' (propjament mhux l-ikel zejjed kollu jintrema, … taf int, imma holl xaghrek u gib iz-zejt jekk pazjent jazzarda jhalli bicca mit-tigiega li jkun ha ghall-ikel biex jaghlef il-qattusa ghax jirrapurtawk inizzluhilek fil-file kif ghamlu lili). Kont saqsejt lill-istaff tal-HWH biex, fin-nuqqas tad-deserta li xi darba kienet titqassam lill-pazjenti fl-isptar, jixtru minflok ingredjenti bhal zbib, dqiq, ecc, biex tkun tista' ssir xi deserta bhal pudina jew xi torta imma qaluli li ma jigux dawk l-ingredjenti mill-kcina tal-isptar. Cioe qed jispicca jinxtara ikel zejjed biex ikel iehor jispicca jintrema (jew …, taf int), flok jinxtraw ingredjenti biex isir xi haga differenti mill-ikel tas-soltu li jinzel mill-kcina tal-isptar, bhal-imsemmija deserta li zgur ma jkunx flus fil-hela tintrema ma tittikielx.

Biex naghlaq nghid li ahna l-pazjenti ssapportejna bizzejjed maqfulin bl-iskuza tal-virus, u minn ilu zmien twil l-isptar bhali ssapportejna bizzejjed jitqammlu maghna fosthom ihalluna bla deserta biex lil ohrajn hallewhom igawdu u jiffangaw fil- liri galor talli vilment ma jaghmlu xejn. Rigward din l-email, hudu hsieb ibghatuli acknowledgement taghha kif suppost isir b'mod partikulari bin-numru tal-kaz (Ref. No.) li se jinfetah rigward l-ilmenti li qajjimt, biex ma nsemmux li suppost tinfurmawni fi zmien 10 t'ijiem bil-passi li jkunu ttiehdu, jew inkella taf ikun vallapena biex l-awtoritajiet tal-isptar jiffrankaw l-ispejjez ukoll mill-ufficju taghkom tal-customer care bhalma ghamlu minn zmien ilu bid-deserta tal-pazjenti.

Tislijiet,

Nicholas Grech
(mob no.
79536643)

---

Virus-free. www.avg.com

---

**Nicholas Grech** <nicho.grech@ gmail.com> Thu, 21 May 2020 at 15:52
To: customercare.mhs@ gov.mt

Inzertajt kont hallejt il-mobile bil-volum maghluq. Meta xeghltu sibt missed call fuq il-mobile bid-data tal-lum "Thursday, May 21, 2020, 8:46 AM" minn numru 2330 4444 (ara attachment **Screenshot_2020-05-21-15-27-05.jpg**).

Meta fittixt dan in-numru online sibt li jikkorrispondi ma tal-Customer Care tal-Isptar Monte Carmeli (ara attachment

**CustomerCare_MCHTelNo.jpg**).

Nassumi cempiltuli rigward l-ilment li baghattilkom 4 t'ijiem ilu bl-email t'hawn fuq datata "May 17, 2020, 9:34 AM". Jekk forsi kien hemm xi zviluppi tistghu tergghu ccempluli jew tirrispondu din l-email.

Grazzi u tislijiet,

Nicholas Grech
(mob no: 7953
6643)
[Quoted text hidden]

---

**Nicholas Grech** <nicho.grech@ gmail.com> Tue, 9 Jun 2020 at 13:33
To: stephanie.xuereb@ gov.mt, Customer Care at Health-MHS <customercare.mhs@ gov.mt> CEO Sptar Monte Carmeli, Dr Stepanie Xuereb,

(din l-email qed nibaghta wkoll lill-customer care ta' l-isptar Monte Carmeli li quddiemhom kont originarjament ressaqt l- ilment halli ma jahsbux li qed naghmel xi haga minn wara darhom)

Xtaqt qabel xejn nawguralek fir-rwol gdid tieghek bhala CEO tal-isptar Monte Carmeli. Propjament din l-email ridt nibghata lil ta' qablek imma issa li dan lahaq dabbar rasu biex tibla kollox int, m'hemmx x'taghmel kelli nikteb lilek. Ibqa' certa li kieku dak Stephen Sultana kien qed jaghmel xi xoghol siewi fl-isptar, kien jiggieled biex jibqa' hu fir-rwol tac-CEO halli jibqa' ghaddej bil-hidma u ghall-bzonn kienu jaghmlu lilek kap fl-isptar Boffa minflok. Jigifieri jekk qed tahseb li dawn ghamlulek xi pjacir ghax tawk dan ir-rwol gdid tieghek, ibqa' certa li minn taht iridu jbellghulek il-kanna minn hawn sal- qamar li kieku minflok kienu se jibilghu huma u issa minflok hemm int biex tirrispondi f'isimhom, ghall-frodi u ghall- inkompetenzi kbar taghhom, u taf ticcappas maghom jekk taghzel li tghattilhom flok tiehu passi, ara int.

Biex nibdew, xi gimghat ilu kont ressaqt ilment quddiem il-Customer Care tal-isptar, liema emails li kont baghttilhom qed hawn naghmilhomlok forward, nargumenta li jekk l-awtoritajiet ma jaraw xejn hazin fl-ispapaljar kbir ta' flus il-poplu fosthom bl-impjieg ta' staff jithallsu biex jidhlu sieghat shah jorqdu fost l-ohrajn, ma narax ghalxiex ghandhom jitqamlu ghal ftit spejjez ohra biex lilna l-pazjenti jqassmulna, apparti l-frott, id-deserta (mhux xi naqra li l-anqas iddurlek maz- zokra imma plattina ta' veru), yoghurt u fosthom bajda kuljum (bhalma ma taraw xejn hazin li tmardu lill-pazjenti fosthom bil-parkinsonism frott il-kura psikjatrika, ma narax x'fiha hazin 'mbilli ngholli s-suppost cholesterol niehu bajda kuljum). Dan ma tghidx qed napprofitta ruhi nitlob li tqassmilna xi grossa sigaretti jew xkora haxixa biex noqghodu npejpuha (ibqa' certa li nahseb 90% tal-pazjenti xi mbarazz hekk jippreferu) imma xi haga suppost nutrittiva u tajba ghas-sahha. Ukoll minn xi gimghatejn ilu, qatghulna wkoll il-pizza li kienet tigi darbtejn fil-gimgha ghall-ikla ta' nofsinhar bhal nhar ta' Tlieta u Gimgha. Irriduha lura u mal-ikel gibulna laham nutrittiv bhal hut jew it-ton taz-zejt mhux dejjem bit-tigieg kollha zjut u xahmijiet u dlik, u xi bragjoli maghmulin mill-aktar laham xieref li jsibu u l-imbarazz li jlaqqtu. Apparti dan, dawn tal- customer care tal-isptar, jekk tiktbilhom kontra l-istaff ibqa' certa li ma jiehdux passi ghax uhud minnhom jidher li xi darba kienu jiffurmaw parti mill-istaff bhal nurses u hekk u allura ma tantx jistghu jippuntaw subghajhom meta huma stess kienu jabbuzaw daqstant iehor fiz-zmien li hadmu bhala tali staff. Fuq dan l-ilment tad-deserta, dan l-ahhar dawn tal- customer care qabdu lil dik li nahseb tigi povra segretarja taghhom biex iccempilli f'isimhom tghidli biex l-ilment tieghi (dawk imsemmija fl-email li qed naghmillek forward) niktbu mill-gdid bil-parti li tirrigwarda d-deserta biss. Daqshekk huma frodisti u sfaccatament jaghmlu cover-up ghall-abbuzi tal-istaff. Ghandi recording tat-telefonata tibzax.

Meta semmejt li "l-istaff jithallsu biex jidhlu sieghat shah jorqdu," jien hadt l-inizjattiva u forsi via terzi persuni baghat niccekja jekk hux permissibli li l-istaff jigu obbligati jaghmlu time logging, cioe jnizzlu kif ikunu qattghu l-gurnata meta jkunu xoghol u anki jekk jistghux isiru cameras fejn dawn ramaw l-clinics u l-istaff rooms bis-sodod ha jkollhom fejn jorqdu galor. Ara file bl-emails pdf attached ([TimeLoggingCameras.pdf]()). Fuq it-time logging ma hemmx problemi, izda ghall-cameras fuq is-sodod jidher li hemm kwistjoni tal-privatezza imma l-cameras nifhem li jistghu minflok isiru barra l- clinic u l-istaff rooms biex wiehed isewgwi kemm dawn jaghmlu hin maghluqin jew bid-dawl mitfi aktar mill-break li suppost huma ntitolati ghalih (u bhalma huma 'l quddiem jigu jirrikattawkom bl-istrajks jekk ma zziduhomx fil-paga, intom tkunu tistghu tirrikattawhom talli jorqdu u ghall-bzonn kull darba li jorqdu sekonda aktar milli ntitolati, wahhluhom multi forsi xi darba iggibu nitfa lura mill-flus li serqu b'dan il-mod). Jien ilni maqful f'dan l-isptar fuq is-6 snin, minn qabel kienu mpjegaw ruxmata responsible carers, meta l-istaff principalment Malti diga ma kellhom kwazi xejn x'jaghmlu, u darba mpjegaw lil dawn aktar gew paxxuti gallarija, hafna minnhom barranin, li fuqhom wikkew il-ftit xoghol li suppost kienu jaghmlu huma biex aktar ma jaghmlu xejn u forsi aktar ikollhom fejn jaghmlu l-qadjiet personali taghhom waqt il- hin tax-xoghol fost l-ohrajn. Nassigurak li kieku kellu jsir time logging, nahseb

ghadhekk fejn tqaccat barra mat-3/4 tal- istaff, u l-1/4 tal-istaff li jibqa' ghax forsi ma tistghax tahdem b'anqas minn certu ammont, ukoll ma jkollux xoghol bizzejjed x'jaghmel il-gurnata kollha li fiha jkunu xoghol. Jekk isir time logging ara li mhux ikollok xi erba staff u dawn vilment inizzlu li kollha jaghmlu siegha jippreparaw il-pirmli, ecc.

Ukoll jien pazjent ninsab il-HWH. Bhalma hi n-norma kullhadd jidhol xoghol biex jaghmlu fosthom lejl shih reqdin tant kemm l-anqas jafu x'jaqbdu jaghmlu, hawn jorqdu ukoll (apparti li jorqdu xi sieghat fil-ghodu ovvjament). Fil-fatt meta forsi tisma' minn jghidlek li dawn ghandhom xoghol stressanti, dan hu stressanti mill-fatt li m'ghandhom xejn x'jaghmlu u l-gurnata jilghabu bil-mobile l-gurnata l-gurnata jarawha iddum seklu biex tghaddi, allura ifhimni meta nghidlek li hassew il-bzonn li jinvestu flus tal-pazjenti tal- isptar fis-sodod ghall-istaff ghalihom. Qed nibghatlek video bhala evidenza ghax xbajt minhabba dan l-abbuz hekk vili u sparpaljar ta' flus il-poplu jkollna addirittura inbatu ahna l-pazjenti. Dan apposta hdimtu meta nurses fil-HWH kien hawn imexxuha bil-lejl Glenn Galea u Marika Farrugia – ghazilt lil dan Glenn ghax hu bla dubju l-aktar wiehed ghazzien minnhom kollha, forsi l-ohrajn xi harira ftit anqas mhux li hemm xi differenza ta' barra minn hawn ara tahseb. Inzerta li f'dan il-lejl sehel dam ftit aktar mis-soltu biex dahal jorqod lejn nofs il-lejl ghax normalment jidhol fl-10p.m. u jdum sa wara l-5a.m. rieqed. Ghandi videos tieghu mahdum tul dan il-perjodu kollu imma nzerta kien Glenn ma haddiehor u mhux din il-koppja jekk irridu nsejhula hekk ta' Glenn u Marika.

Issa l-istaff f'dan l-isptar dejjem arahom gejjin b'xi regola gdida biex dejjem aktar jaghmlu l-hajja aktar mizerabbli lill- pazjenti u huma jkollhom fejn aktar jghaddu l-gurnata u l-lejl paxxuti gallarija u jabbuzaw. Allura stenna li wiehed ghazzien bhal dan Glenn johrog bis-soltu regoli ha jabbuza aktar ghad-detriment tal-pazjenti, ghax hekk maghmul, parti mill- karizma tieghu. Kif tista' tara f'dan il-video, dan Glenn hu hekk t'intern hazin li biex ma mmorrux nuzaw iz-2 lokijiet li jigu jmissu mal-male staff room fejn hu jkun rieqed u nispiccaw nifflaxjaw il-loki jew niehdu shower u nqajmuh, allura jaghlaqhomna. Allura m'hemmx x'taghmel, l-10 pazjenti rgiel ikollna nuzaw l-unika toilet li jifdal ta' bejn id-dormitorji u biex ma nqajmux lil xulxin nispiccaw ma nifflaxxjawhx lejl shih u kulhadd ipixxi u jkakki wara xulxin u tista' timmagina npattuha mod iehor sa fil-ghodu bir-riha, apparti li whud bil-pirmli u bl-injections li kissruhom bihom jispiccaw ipixxu mal- art u jkollok litteralment tmur tghaffeg fil-bewl, sakemm forsi xi hadd jitfa' xi luzar mal-art biex jixrob li jista'. Gieli jispiccaw ipixxu mal-art ghax f'dan l-unika loki jinzerta jkun diga hemm xi hadd u ma jkunux jifilhu jissapportu aktar. Gieli biex tevita tmur tghaffeg fil-bewl, jew ikollok toqghod imcahhad bil-ghatx ma tixrob xejn qabel torqod, jew inkella jkollok tarma b'tazza jew flixkun tal-plastic u tpixxi fihom u mbaghad tmur tbattala fis-sink biex almenu tiffranka milli ccappas il- papocc bil-bewl, ecc. B'kuntrast dan Glenn meta jaqbdu l-pixxa bil-lejl juza dawn l-imsemmja 2 toilets li suppost huma tal-pazjenti peress li huma eqreb mill-loki li ghandhom fil-clinic ma jmurx jaqsam dahru jimxiha s'hemm tant kemm hu ghazzien. B'kuntrast ukoll, l-10 pazjenti nisa ghandhom 3 lokijiet li huma mifrudin b'kuritur mill-kmamar taghhom, cioe kieku dawn iz-2 lokijiet ihallihom miftuhin ikollna ahna wkoll il-pazjenti irgiel 3 lokijiet ghad-dispozizzjoni u forsi almenu wiehed jirnexxilek issibu mhux imcappas bil-kakka, ecc, jekk mhux addirittura wkoll bit-taqtir tal-bewl tal-istess Glenn ghax ikun qam ibul ghadu nofsu rieqed. L-istaff mara ghandha toilet wkoll ghaliha wahedha bil-lejl fil-female staff room apparti shower. Issa hu kollox f'dan il-kuntest: l-istaff ragel bil-lejl ghandu 3 lokijiet ghad-dispozizzjoni (1staff:3lokijiet - 2 minnhom tal-pazjenti), l-istaff mara ghadha 2 lokijiet (1:2), l-pazjenti nisa ghandhom 3 (10:3!), u 10 pazjenti rgiel ghandhom wiehed biss (10:1!!!) taf int, … u imbaghad mur peclaq fuq it-TV ilghaba kemm qed tiggieled biex tnehhi l- istigma kontra l-pazjenti wara li thallu lill-pazjenti propju f'dan l-isptar jigu stmati hekk taz-zibel jiccapsu bil-bewl ta' xulxin biex l-istaff jorqdu fil-paci meta suppost huma xoghol.

F'dan il-video nnota kif inhi l-procedura li jizolaw il-pazjenti nisa mill-irgiel billi jaghlqu dak il-bieb li jaghti ghan-nisa, bl- istaff mara tghaddi l-lejl rieqda f'dik il-parti (tahsibx ghax il-pazjenti jispiccaw joqghodu j…, fil-parti kbira rrovinawhom bil- lest gabuhom sterili, ecc.). Dan il-bieb flimkien maz-2 bibien tad-dormitorji tal-irgiel, gieli wkoll jaghlquhom matul il-gurnata hlief ghal xi saghtejn wara nofsinhar biex il-pazjenti ma jorqdux matul il-gurnata u jispiccaw jaghmlu lejl imqajmin u jtellfu l-istaff mir-raqda, apparti li jekk ikun il-kaz xi njection bhal Ativan jew xi Valium kulma tmur fin-nofs u f'malajr jillupjawhom jispiccaw sa filghodu jqumu mgharrqa fil-bewl taghhom stess ghax igibuhom l-anqas ikollom sahha jiccaqalqu. Jien insaqsi jekk l-istaff abbuzivament jithallew jorqdu lejl shih bil-paga diehla, x'fiha hazin li pazjent joqghod fis-sodda matul il-gurnata flok mixhut fuq is-sufan jew mal-art bil-mod kif jillupjawhom. Ukoll innota kif darba dak Glenn qam lejn l-5:15am u fethilna dawk iz-2 lokijiet, lejn il-5:30am qamet ukoll dik Marika, imma darba harget mis-sezzjoni tal- pazjenti nisa regghet vilment qaflet il-bieb warajha (cioe hallithom maqfulin gewwa wahedhom, inkredibbli!!) u ma tifthux qabel is-6am., bhas-soltu dejjem jaraw x'jivvintaw biex jivvendikaw ruhhom mill-pazjenti, daqshekk ghandha ghall-qalba sahhet il-pazjenti tridx tmur. Din Marika tidher fil-hin 9:04 tal-video qedgha fl-istaff pantry tiffanga tiekol u tixrob biex tkompli ssir daqs baqra aktar milli diga hi, u l-pazjenti nisa sadattant ghadhom jittewbu. L-istess ahna l-irgiel ghax kif tista' tinnota fil-hin 9:00 il-ktieli ghadhom maqlubin rashom l-isfel fuq il-mejda (hudha fil-kuntest li ma tkunx xrobt qabel dhalt torqod biex tipprova ma tqumx tpixxi tghaffeg fil-bewl ta' haddiehor fl-unika toilet li hallewlek), ghax taf int dak mhux xoghol in-nurse hekk ghazzien Glenn ma jmurx jaqsam dahru ghax sempliciment jitfghalna x 4 kuccarini kafe u l-bqija naghmlu l-

mishun ahna l-pazjenti - jrid joqghod jigi r-responsible carer jaghmlu - daqshekk hu ghazzien imgiddem u t'intern hazin dan Glenn. Ara hu ikun diga pappija bil-hobz bil-perzut u l-gobon b'kollox li suppost jigi biex jitqassam ghall- pazjenti aktar tard. Ukoll dan Glenn ghandu habta xi drabi rari jekk titolbu frotta jippretendi li toqghod tilghaqu tghidlu "thank you" qisu qed itijili minn tieghu. Nghidilu t-thank you m'hemmx x'taghmel imma minn taht inkun qed naghmillu il- qrun, xi darba nsibulu l-kappell jigih – ghal naqra lilna l-pazjenti igibuna noqghodu kokka naduraw in-nurses.

Tigilix bl-iskuzi li dan il-video flok jirrekordja l-perjodu kollu tal-lejl, jirrekordja minflok ftit minuti f'hinijiet differenti tal-istess lejl. Kieku mhux 37MB kien jigini imma ridt hard disc ghalih biss. Tghid mhux ghax inzerta li f'dawk il-ftit minuti kienu dahlu kwarta jorqdu u l-bqija kienu mqajmin. Ma tarax. Jekk ghandhekk xi dubju jaghmlux lejl shih reqdin (apparti li ggeghlom jaghmlulek time logging ha naraw biex johorgu), saqsi lilek innifsek xi jkunu qed jaghmlu bl-istaff room fid- dlam u bil-bieb imbexxaq fuq il-katina. Fil-video ghandhekk ukoll x'se ssib fil-male u fil-female staff room armati bis- sodod. Fil-female staff room, forsi tidher ahjar, innota li apparti diversi sanitizers ma jmorrux jomordu bil-gdiem ghax ikunu resqu qrib il-pazjenti, ghadhom sa kitla fost affarijiet ohra, apparti li ghandhom ohra fil-pantry tal-istaff, x'aktarx li jkunu ordnawhom, bhas- sodod u sufanijiet ecc., bi spejjez tas-sala taparsi se jintuzaw ghall-pazjenti biex minflok juzawhom ghalihom l-istaff. U mbaghad darba minnhom ghax sempliciment mort naghmel xi 3 photocopies l-istationary u nizzilthom fuq il-HWH gew jigbduli l-attenzjoni. L-istess uhud min-nurses joqghodu jitghajru li l-lozor, xugamani u hekk kollha jigu bi spejjez tas-sala, imma l-vili hi li dawn jigu ghall-pazjenti u mhux biex juzaw minnhom huma wkoll (ez. l-istaff apparti li jitqazzu lill-pazjenti, jitqazzu wkoll lil xulxin, u allura ghas-sodod arahom jiehdu luzar gdid kull darba meta jigu biex jorqdu biex ma jiccapcus bil-hmieg ta' dawk li raqdu qabilhom, ecc.). Bhalma jorqdu hekk galor f'din il-ward ovvjament jaghmlu l-istess tal-wards l-ohra, tant hu hekk li fil-video innota li darba naqbez il-clinic, naghti titwila lill-bitha fejn tista' tghid tara kull m'hemm mitfi dlam cappa fosthom anki l-clinic ta' FW3A li tigi faccata n-naha l-ohra tal-bitha, cioe l-istaff kulhadd rieqed galor u l-paga diehla. Fil-fatt dawn kulhadd jaghmel l-arja b'xulxin minhabba li jekk l-awtoritajiet jiehdu passi kontra xi hadd ikollhom tista' tghid fejn ikeccu lil kulhadd u allura jafu li qatt ma se tittiehed azzjoni u l-anqas jistghu jintalbu jroddu lura l-flus li serqu meta suppost xoghol biex minflok ghaddewh reqdin. Imma l- aktar li jabbuzaw bil-qalb gej mill-fatt li erga ta' fuqhom, fosthom it-tobba, b'mod partikulari l-psikjatri jaghmlu l-istess u hafna u hafna ghar. Fil-fatt hafna minn dawn ghandhom diversi mpjiegi (cioe apparti li suppost jahdmu full time l-isptar, iservu privatament fil-clinics, jew ta' esperti tal-Qorti, lecturers l-Universita, jidhru fuq it-TV) u saqsi lilek innifsek kif jirnexxielhom ilahqu ma kollox u jibqghalhom hin ghall-familja. Biex tifhimni ahjar, fil- kaz tal-konsulenti li jahdmu biss matul il-gurnata, dawn kull wiehed ikollu bhal dik li jirreferu ghaliha bhala firm, fejn ikollok xi bicca Psikjatra ghadu fil-bidu tal-karriera jkun qed jidher f'isem il-konsulent propja. Il- konsulent peress li aktar mhux xoghol l-isptar u l-paga diehla, arahom il-hin kollu jcemplulu fuq kull pazjent li jaraw biex bhal jikkonsultaw mieghu kif se jiddrugawh. Nahseb dawn ikollhom il-konsum tal-mobile mhallas bl-internet b'kollox minn fuq dahar l-isptar ghax kieku l-anqas ifendu, ovvjament ihallas il-poplu ghalihom. Imbaghad gieli wara li tkun spiccat il-ward round, jidhol lura xoghol it-tali konsulent u joqghodu jiddiskutu, lil dak nohorgulu Treatment Order, lill-iehor inkissruh bl-injection, lill-iehor nesperimentaw xi pirmla ohra minflok, u hekk. Ukoll fil ftit hin li dawn is-suppost konsulenti jkunu l-isptar, itini x'nifhem li jghadduh jaghmlu xoghol mhux relatat mal-isptar li ghalih qed jithallsu mod iehor (eg jaghmlu r-rapport tal-Qorti, il-preparamenti tal-lectures, ecc. jippreparaw x'se jmorru jpecilqu fuq it-TV bhal dak Anton Grech, u hekk, ma nahsibx li inti bhala tabiba ma tafhomx dawn l-affarijiet jew inkella trid tkun il-vera qed tghix fil-qamar - jekk ma temminnix jew forsi trid iddawarha li hi xi illuzjoni tieghi, nghidlek biss li l-perizja tal-Qorti tieghi mhallsa mill-istess Qorti gew jaghmluhili fosthom David Cassar u Ethel Felice fil- hin li suppost kienu qed jahdmu full time f'xoghol l- isptar, taf int, biex ma nilghabuhix tal-innocenti, cioe fl-istess nifs kienu qed jithallsu minn 2 sorsi, issa kkonkludi wahdek jekk trid)

Biex intik ezempju iehor milli kont ninnota, f'dan l-isptar l-istaff ghal kull haga ta' xejn iqabbdu l-cleaners: ejja msahli r- remettar ta' dak, naddaf il-loki jew siggijiet mill-kakka, jew mill-pipi li l-iehor ikun harablu bil-mod kif ikunu kissruhom bil- pirmli u l-injections li bellghulhom, ecc. (cioe wara li l-istaff jkunu kissru l-pazjenti gabuhom f'dan l-istat hekk mizerabbli, flok inaddfu huma warajhom talli l-haga gabuha b'idejhom, iwikkuha lil dawn il-cleaners). Issa dawn il-cleaners minkejja x- xoghol kollu u hafna drabi xoghol skifuz, l-anqas huma mhallsa doppju jew triplu bhall-istaff tal-Hdud u l-Festi u wkoll iridu joqghodu jippancjaw halli jekk jidhlu 5 minuti tard jaqtghalhom mill-paga kuntrarju ghall-istaff li sempliciment bis- sahha tal-Union kemm jiffirmaw u kulhadd jabbuza, minn jiffirma u arah jerga johrog ftit wara biex iwassal it-tfal l-iskola u hekk. M'hiniex nirreferi wkoll ghad-diversi responsible carers li huma mhaddma via kumpanija privata u allura l-gvern qed nahseb jehilha doppja minhabba dan l-intermedjarju. Biex nigi lura ghall-cleaners, dawn kienu jhossuhom sfruttati mill- kumpanija privata li thaddimhom, tridx tmur, u allura kienu jinfexxu jisirqu forsi xi yoghurt jew xi kartuna halib, ecc. Ghal dan l-istaff kienu jisirqu erga aktar u aktar, mhux biss ghax kollox f'idejhom, imma ghax nassumi li min-naha taghhom kienu jaraw lil ta' fuqhom, lit-tobba u psikjatri kullhadd hekk vilment ifotti, u allura jirragunaw li vallapena ifottu huma wkoll bhalhom. Fil-fatt hafna mill-istaff mill-ikel li jisirqu jispiccaw idabbru paga ohra, bejn mill-ikel destinat ghall-pazjenti li jieklu minnu (apparti dak li kellhom b'xejn provdut mill-mess u issa jidher li qed igibulhom dirett fis-sala bl-iskuza tal- Covid-19), bejn l-ikel li jiehdu d-dar ghal tal-familja, u kulhadd jintriga bl-annimali fid-djar u l-irziezet u mbaghad iridu jghixuhom minn fuq dahar l-isptar, kulhadd ikaxkar u hergin bil-boroz taz-zibel mimlija ikel biex jaghbbuhom fil-karozzi. Wiehed minnhom hu propju dak l-imsemmi nurse Glenn. Dan arah jerfa' l-boroz tal-hobz vojta biex imbaghad wara li jkunu kielu huma u l-pazjenti, mill-ikel li ma jitqassamx arah jigbor il-laham kollu biex jiehdu d-dar. U mbaghad jekk

pazjent jazzarda jigbor xi bicca perzuta li jkun rema forsi pazjent iehor fiz-zibel biex itiha lill-qattusa arah jigi jwissiegh biex ma jergax jaghmilha ghax igiblu lit-tabib. Hemm nurse ohra certu Lina. Din laqqamta bejni u bejn ruhi l-ghageb tar-rahal, tfakkrek bhal meta jkun gie wiehed bil-van ibiegh il-hut u mbaghad tohrog dik il-mara mit-tarf l-iehor tat-triq taghjat u twerzaq issaqsi b'kemm qed ibieghom il-qarnit u hekk. Ghandha habta tiftahar li ghandha ghajnejn wara u quddiem u li tinduna b'kollox u l-hin kollu taghjat xebbajtuni, marradtuni, u tigilek bil-"jimporta, jimporta" – tista' tahseb x'karizma ghandha mal-pazjenti. Din ghanda habta bl-iskuza li jispicca jintrema l-ikel li jkun gie mill-kcina (haxix u hekk, mhux il- laham ghax dak hemm bil-bosta minn fosthom minn ikaxkru), ma tkunx trid tqassam hobz, ovvjament biex jibqa' aktar halli jkollha x'tiehu ghaliha d-dar. Din l-istess Alla hares xi pazjent ikun ha xi tigiega biex jikolha u minflok iwarrab parti minnha ghall-qattusa ghax taghmel storbju, imma ara jekk xi hadd mill-istaff ikun irid jigbor l-laham li jibqa' araha ggiblu l-borza taz-zibel ha jkollu fejn jitfa'. Jekk jinteressak ejja sal-HWH u nurik xi haga ha tifhimni ahjar, ovvjament bil-patt li tippermettili li din il-haga nohdilha ritratt bhala evidenza ghalija, jew inkella oqghod komda l-ufficju bil-paga ta' CEO diehla u kkonferma kemm vilment trid tghattilhom, taghmillhom cover-up.

Nassigurak li bhalma tista' tiffranka xebgha spejjez f'pagi fuq l-istaff jekk tal-anqas tordnalhom jaghmlu time logging (forsi tal-anqas ikollok skuza biex ma ttuhomx xi zieda ohra fil-paga jew taqtghulhom l-ikel li huma ntitolati ghalih b'xejn darba ghal dejjem), tista' jekk trid tiffranka xebgha spejjez ohra mill-ikel li jigi mill-kcina. Forsi tghidli li l-ikel li ma jitqassamx m'hemm xejn hazin li flok jintrema jiehduh l-istaff. Apparti li flok jintrema nistghu minflok intuh lill-annimali u qtates li hawn l-isptar u anki nirriciklawh f'kompost flok thallu li hekk sfaccatament jinsteraq mill-istaff, il-hazin hu li dawn intenzjonalment jordnaw ikel aktar milli suppost biex ikollhom fejn aktar jiffangaw (huda fil-kuntest qabel ghalqu l- pazjenti kollha gewwa l-isptar minhabba l-virus, fejn kien addirittura jibqa' erga hafna u hafna aktar ikel ghax uhud mill- pazjenti kienu jkunu bil-leave jew jahdmu barra). Jekk forsi ma temminnix, tigili li qed inbati b'xi "lack of insight" kif vilment dawwarha l-Psikjatra David Cassar biex bi skuza t'hekk irduppjali d-doza meta kont dahhalt camera biex nissostanzja dan l-abbuz f'MW3A, nistiednek tqabbad lil xi hadd jigi jiehu ritratti tal-ikel kemm ikun intbaghat mill-kcina, ritratt ta' kemm ikel fil-fatt ikun tpogga fuq il-mejda biex jitqassam lill-pazjenti, u kemm ikel jibqa' biex suppost jintrema u tkun tista' tara b'ghajnejk dan il-frodi hekk massic fl-ikel. Dan l-abbuz kont anki rrapurtajtu lil dak il-fazull ta' Kummissarju ghas-sahha mentali John Cachia (ghandi l-emails bhala prova) u sussegwentament jidher li via c-CEO ta' qablek kienu hargu xi direttiva biex il-pazjenti ma jithallewx jitimghu lill-annimali, imma ovvjament mhux il-kaz ghall-istaff, jew jekk nizzluha fuq il-karta, ibqa' certa li jkaxkru kienu u jkaxkru baqghu (fil-fatt ghalhekk jordnaw ikel aktar milli suppost, taf int). Jekk xi hadd ghandu problemi b'mard mentali, fejqu bl-imhabba li jista' jtik biss annimal jpattilek mitt darba lura talli tkun tajtu bicca perzuta, mhux tkompli tkissruh bil-pirmli u bis-side effects tal-biza taghhom.

Nahseb qed bizzejjed u ghadni l-anqas biss bdejt. Imma jekk trid tkun taf aktar fuq il-frodi u sparpaljar massicc ta' flus il- poplu f'dan l-isptar, nistiednek immorru nduru flimkien biss 2 postijiet minn hafna, fejn hemm dik il-blokka 10 li hekk frodament jridu jwaqqghuha biex suppost jaghmlu gnien terpewtiku u l-FW3B li tigi s-sala ta' fuq l-HWH fejn ninsab jien bhalissa, u mbaghad nispera li tkun kapaci tasal ghall-konkluzjoni wahdek ghall-kumplament u ghalxiex bellghulek il- kanna ta' CEO ta' dan l-isptar flok dak il-korrott u frodist ta' qablek ta' Stephen Sultana. Intik biss hjiel zghir, bhalma l-Gvern bhal biegh l-isptarijiet St Lukes u Karen Grech u t'Ghawdex, din il-mossa biex fosthom titwaqqa' hekk frodament il-Blokka 10 u l-isptar spicca ejja nghidu tilef xi 1/5 tal-kapacita tieghu u kellu jibghat hafna pazjenti f'homes privati, hi ndirettament parti mill-process biex dan l-isptar Monte Carmeli jigi privatizzat imma b'mod li taghti anqas fl-ghajn minn wara dahar il- poplu, jekk mhux kollu almenu parti minnu, ghax taf int, ghal xi whud jidher li hi bicca negozju tajba u bil kif. Issa jekk trid ticcappac f'dan il-frodi, giba li qed nghid il-hmerijiet, imbaghad 'l quddiem naraw minn ghandu ragun.

Ukoll lil dak Glenn forsi tista' ma tiehux passi kontrih ghax jorqod la din saret parti mir-rutina tas-suppost xogholhom, imma nahseb li altru tista' tiehu passi tehlisna darba ghal dejjem minnu tal-mod hekk vili li jistma l-pazjenti jaghlqilna t- toilets biex fosthom ikun jista' aktar jippersegwita fl-abbuz jorqod minghajr problemi li nqajmuh. Ukoll biex dawn ikunu jistghu jorqdu jien ikolli ntihom il-laptop bil-lejl – ibqa' certa li jien l-laptop ma nuzahx nahli l-hin indoqq id-diski jew nara l- films u ma nqajjem lil hadd serrah mohhok. Cioe jekk ghalik mhix problema li thallihom jorqdu lejl shih, nassumi li l-anqas hi problema biex inkun nista' nibqa' nahdem bil-laptop fil-kwiet flok nitqalleb bhal kurnut fis-sodda ma nista' naghmel xejn. Ukoll waqqaf dik il-procedura fazulla li taqflu d-dormitorji tal-pazjenti matul il-gurnata (u l-istess bil-lejl) – flok tkomplu taghmlu l-hajja aktar mizerabbli lill-pazjenti halluhom ha jorqdu fil-ghodu bhalma thallu lill-istaff jorqod bil-paga ghaddejja. Ukoll fost il-hafna sparpaljar ta' flus il-poplu f'dan l-isptar, onfqu ftit flus ohra biex iggibulna d-deserta u l-ohrajn u araw li milli jibqa' jitqassmu biss lill-pazjenti u mhux l-istaff dejjem iridu jbillu kull darba subghajhom f'kollox (cioe araw li jittiehdu ritratti ta' kemm dezerta tigi u xi jsir bid-deserta li jibqa', almenu forsi sakemm xi darba jitghallmu li l-ikel jigi biss ghal- pazjenti u mhux biex jieklu u jisirqu minnu ghalihom u jkaxkru d-dar), mhux bizzejjed jithallsu biex jorqdu, ukoll thalluhom jieklu mill-ikel li jkun destinat ghall-pazjenti biex tkun aktar vili (frott, perzut, f'kollox ibillu subghajhom).

Din l-email se nuzaha bhala prova digitali li nfurmajtek u l-video ta' Glenn lejl shih rieqed se nitfghu online wkoll 'l quddiem, apparti li se nibghatu lill-Awditur ghax dan tant hu fazul li f'rapport f'Lulju 2018 (4.2: HR Shortages) li kiteb semma li hemm bzonn aktar staff f'dan l-isptar, halli nahseb staff bhal dan l-ghazzien Glenn mhux talli jkollu fejn jorqod aktar, talli jgibuh jahdem mis-sodda tad-dar bit-teleworking, taf int (kif sa

certu punt ilhom jaghmlu l-Psikjatri konsulenti wara kollox minn zmien ilu jidhru ftit l-isptar fix-xoghol suppost full time taghhom). Bhalma intom tigu tirrectaw tigbdu l- films fil-gnien tal-isptar ghax sempliciment lahqu CEO gdida, jien ghandi dritt nigbed x'jigri minn wara l-hitan ta' dan l- isptar hekk fazul u b'abbuz fuq il-pazjenti. Jew forsi l-evidenza ddejqek ghax trid taghmel il-cover-ups flok tiehu passi? Tippruvax iddawarha kontrija ghax qed niggieled ghall-pazjenti u nikxef abbuzi vili fuqhom, u lil min fil-fatt jabbuza thallihom ghaddejjin lixxa kif kien ghamel dak il-frodist ta' Psikjatra David Cassar meta rdupjali d-doza fuq incident simili

Iz-zmien itina parir. Lill-pazjenti tuhom id-dinjita taghhom mhux tistmawhom ghar mill-annimali, u minn jabbuza fuqhom pattuwilhom bl-gheruq u x-xniexel forsi xi darba jitghallmu jikkontrollaw fosthom il-hdura t'ilsienhom u l-arja li ghandhom. Donnu l-arditizmu taghhom icahhadhom milli jirrejalizzawx li l-impjieg taghhom qed hemm bis-sahha tal-pazjenti, u li mhux ghax hawn tant imgienen ta' veru u whud bhali ghax inzertaw ittimbrati frodament hekk, kien ikollhom isibu xoghol iehor u mbaghad naraw kemm kien jirnexxielhom isibu xoghol hekk ipappuha jghaddu sieghat shah reqdin bil-paga ghaddejja u kulhadd ikaxkar l-ikel galor. Jekk xejn l-ewwel araw it-travu enormi li hemm f'ghajnejn l-istaff u l- amministrazzjoni tal-isptar u mhux il-farka f'ghajnejn il-pazjenti. Ahna l-pazjenti ssapportajna bizzejjed l-umiljazzjoni.

Tislijiet,
Nicholas
Grech

[Quoted text hidden]